MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 214/2005

**George Hili**

***Versus***

**L-Avukat Ġenerali tar-Repubblika għan-nom tal-Gvern Malti, l-Onorevoli Prim'Ministru u t-Tabib Ewlieni tal-Gvern**

F'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob illi jingħata d-differenza bejn is-salarju li qiegħed jitħallas għall-ħatra li għandu fis-servizz pubbliku u s-salarju li kien jieħu li kieku ngħata ħatra ogħla billi, skond deċiżjoni tat-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji, kien imċaħħad inġustament minn dik il-ħatra ogħla. Din is-sentenza tallum hija dwar eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti li tgħid illi din il-qorti ma għandhiex is-setgħa li tisma' u taqta' din il-kawża.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-attur ilu jagħti servizz ta' *acting supervisor* fl-Isptar San Luqa mill-1991 mingħajr ma jitħallas ta' *supervisor*. B'deċiżjoni fil-każ numru

1102/1997 it-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji kien qal illi saret inġustizzja ma' l-attur meta ma nħatarx *supervisor* fl-4 ta' Jannar 1994, u qal ukoll illi l-attur kellu jinħatar *supervisor* b'seħħ b'lura minn dakinhar u jitħallas id-differenza fis-salarju li huwa tilef matul dak iż-żmien kollu. L-attur iżda la nħatar *supervisor* u lanqas tħallas id-differenza fis-salarju.

L-attur għalhekk fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti, wara li tgħid illi huwa għandu l-jedd illi jitħallas salarju ta' *supervisor* b'seħħ mill-4 ta' Jannar 1994, fid-dawl tad-deċiżjoni tat-Tribunal għall-Investigazzjoni ta' Inġustizzji u tal-fatt illi għamel ix-xogħol ta' *supervisor* matul iż-żmien kollu msemmi, tikkundanna lill-konvenuti jħallsuh id-differenza bejn is-salarju li tħallas u dak ta' *supervisor* għaż-żmien mill-4 ta' Jannar 1994 sa meta tingħata s-sentenza, u jkomplu jħallsuh ta' *supervisor* minn dakinhar tas-sentenza sakemm ikompli jaqdi d-dmirijiet ta' *supervisor*. Qiegħed jitlob ukoll l-imgħax u l-ispejjeż.

Il-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni, fost oħrajn, illi din il-qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tisma' u taqta' din il-kawża għax talbiet għal ħatra fis-servizz pubbliku u għal ħlas għal ħatra bħal dik jaqgħu fil-kompetenza kostituzzjonali tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u mhux tal-qrati.

Din is-sentenza tallum hija dwar din l-eċċezzjoni.

Dwar ħatriet fis-servizz pubbliku, l-art. 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] jgħid hekk:

**110.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din il-Kostituzzjoni, is-setgħa li jagħmel ħatriet għall-karigi uffiċjali u li jneħħi, u li jeżerċita kontroll dixxiplinari fuq, persuni li jkollhom jew ikunu jaġixxu f'xi karigi bħal dawk tkun fil-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku:

Relevanti wkoll hija d-dispoiżizzjoni ta' l-art. 469A(6) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

**469A.** (6) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, u ta' kull disposizzjoni oħra ta' din il-liġi u ta' kull liġi oħra, servizz mal-Gvern hu rapport speċjali regolat b'disposizzjonijiet speċjali speċifikatament applikabbli għalih u bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Gvern, u ebda liġi jew disposizzjoni tagħha dwar kondizzjonijiet

ta' impieg jew kuntratti ta' servizz jew ta' impieg ma tapplika, u qatt ma kienet tapplika, għal servizz mal-Gvern ħlief safejn dik il-liġi ma tipprovdix xort'oħra.
L-art. 111 tal-Kostituzzjoni jagħti lill-Prim'Ministru, li jimxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, is-setgħa fost oħrajn illi jagħmel ħatriet fis-servizz pubbliku, iżda mhux li jiddeċiedi jekk min għandu ħatra bħal dik għandux jitħallas jew le.
Billi, fil-każ tallum, l-attur qiegħed jitlob mhux illi jinħatar *supervisor* iżda li jingħata l-ħlas ta' *supervisor* ladarba għamel xogħol ta' *supervisor*, il-meritu tat-talbiet magħmula fiċ-ċitazzjoni ma jintlaqatx bl-art. 110 tal-Kostituzzjoni.
Tassew, huwa dibattibbli jekk il-fatt illi xi ħadd jingħata ħlas li jmiss lil ħatra fis-servizz pubbliku jfissirx illi *de facto* jkun qiegħed jingħata dik il-ħatra bla ma jkun għadda mill-proċedura li jrid l-art. 110 tal-Kostituzzjoni.  Madankollu, dak huwa dibattitu li ma jistax isir quddiem il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku għax dik il-kummissjoni ma għandhiex is-setgħa illi, b'interpretazzjoni li tagħti hi, twessa' l-ġurisdizzjoni tagħha;  biex jitħares l-istat ta' dritt dak id-dibattitu jrid isir bilfors quddiem il-qrati ordinarji.
L-art. 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jidher li aktar huwa dwar il-liġi applikabbli milli dwar kompetenza.  Madankollu, dak li jingħad fih huwa "għall-finijiet ta' ... ... ... l-artikolu" 469A kollu, u billi l-art. 469A huwa dwar kompetenza d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6) huma relevanti għall-għanijiet ta' kompetenza wkoll. Għalhekk, li qiegħed igħid l-artikolu huwa li r-relazzjoni bejn l-attur u l-konvenut aktar milli ta' natura kuntrattwali hija ta' natura amministrattiva, u dak li jagħmel il-konvenut fil-kuntest ta' dik ir-relazzjoni għandu min-natura ta' "egħmil amministrattiv", u dwar dak l-egħmil il-kompetenza ta' din il-qorti hija limitata kif imfisser fl-art. 469A(1).
Fil-fehma ta' din il-qorti, il-fatt illi is-"servizz mal-Gvern hu rapport speċjali regolat b'disposizzjonijiet speċjali speċifikatament applikabbli għalih u bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Gvern", ma jfissirx illi dan ir-rapport speċjali ma jnissilx drittijiet u obbligazzjonijiet ġustizzjabbli.  Jekk il-gvern, mingħajr raġuni tajba, ma jħallasx il-paga lil impjegat tiegħu, dan ifisser li dak l-impjegat ma għandux rimedji

quddiem il-qorti? Il-paga tingħata lill-impjegat bi dritt talli jkun ta s-servizz tiegħu, mhux *ex gratia*, u jekk l-impjagat ma jitħallasx għandu dritt ifittex għall-paga tiegħu għax in-nuqqas ta' ħlas, bħala nuqqas ta' ħarsien tad-dritt għall-paga, ikun egħmil kontra l-liġi li jagħti lill-qorti ġurisdizzjoni, ukoll dwar egħmil amministrattiv, taħt l-art. 469A(1)(iv) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Naturalment, jekk l-attur għandux dritt għal dak li qed jitlob u jekk in-nuqqas tal-konvenuti li jħallsuh hux egħmil kontra l-liġi hija ħaġa li għad irridu narawha, iżda biex tkun tista' tagħmel l-istħarriġ meħtieġ il-qorti għandha kompetenza biex tisma' l-kawża.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni u tordna illi jitkompla s-smigħ tal-kawża.

L-ispejjeż ta' dan l-episodju għandhom iħallsuhom il-konvenuti.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------